IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 15.4.2015
COM(2015) 162 final

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE (Għargħar fir-Rumanija, il-Bulgarija u l-Italja)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, EURATOM) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tiegħu jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea, fil-limitu massimu annwali ta' EUR 500 miljun (prezzijiet tal-2011), b'żieda mal-intestaturi relevanti tal-qafas finanzjarju. Il-kundizzjonijiet tal-eliġibilità għall-Fond jinsabu fid-dettall fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 661/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea. Fuq il-bażi tal-applikazzjonijiet mir-Rumanija, il-Bulgarija u l-Italja, il-kalkolu tal-għajnuna mill-Fond, abbażi tal-istima tal-ħsara totali kkawżata huwa kif ġej:

Diżastru	*Ħsarat diretti (f'EUR miljuni)*	*Il-limitu massimu ta' diżastru reġjonali applikat (f'miljuni ta' EUR)*	*Livell limitu ta' diżastru maġġuri (f'EUR miljuni)*	*Spiża totali tal-operazzjonijiet eliġibbli (f'EUR miljuni)*	*2,5 % ta' ħsara diretta sal-limitu (f'EUR)*	*Limitu massimu applikat*	**Somma totali tal-għajnuna proposta (f'EUR)**
Ir-RUMANIJA għargħar tar-rebbiegħa	*167,927*	~	*783,738*	*145,527*	*4 198 175*	*Le*	*4 198 175*
Ir-RUMANIJA għargħar tas-sajf	*171,911*	*157,200*	*783,738*	*93,955*	*4 297 775*	*Le*	*4 297 775*
IL-BULGARIJA	*79,344*	*40,980*	*232,502*	*69,108*	*1 983 600*	*Le*	*1 983 600*
L-ITALJA	*2 241,052*	*1 832,944*	*3 183,624*	*434,314*	*56 026 300*	*Le*	*56 026 300*
TOTALI							**66 505 850**

Fid-dawl tal-eżaminazzjoni tal-applikazzjonijiet[2], u meta titqies l-għotja massima possibbli mill-Fond flimkien mal-possibilità ta' riallokazzjoni ta' approprjazzjonijiet, il-Kummissjoni tipproponi li timmobilizza l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea għal ammont totali ta' EUR 66 505 850.

Il-Kummissjoni se tressaq abbozz ta' baġit emendatorju (ABE) sabiex fil-baġit tal-2015 jiddaħħlu l-approprjazzjonijiet speċifiċi tal-impenji u l-pagamenti. Fil-każ ta' nuqqas ta' qbil, se tinbeda proċedura ta' trilogu skont il-Punt 11 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba[3].

1 ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.
2 Komunikazzjoni lill-Kummissjoni C(2015) 2285 tad-09.04.2015.
3 ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE (Għargħar fir-Rumanija, il-Bulgarija u l-Italja)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea[1] u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw l-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja, dwar il-kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba[2], u b'mod partikolari l-punt 11 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni[3],

Billi:

(1) Il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (il-"Fond") għandu l-għan li jippermetti lill-Unjoni tirrispondi b'mod rapidu, effiċjenti u flessibbli għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza u turi solidarjetà mal-popolazzjoni ta' reġjuni milquta minn diżastri.

(2) Il-Fond ma għandux jaqbeż l-ammont massimu annwali ta ' EUR 500 miljun (prezzijiet tal-2011), kif stipulat fl-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013[4].

(3) Ir-Rumanija ressqet żewġ applikazzjonijiet biex timmobilizza l-Fond, minħabba għargħar.

(4) Il-Bulgarija ressqet applikazzjoni biex timmobilizza l-Fond, minħabba għargħar.

(5) L-Italja ressqet applikazzjoni biex timmobilizza l-Fond, minħabba għargħar.

---

1 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea, ĠU L 311 tal-14.11.2002, p. 3.

2 ĠU C 373, tal-20.12.2013, p. 1.

3 COM(2015) 160 finali tal-15.04.2015.

4 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884).

(6) Il-Fond għandu għalhekk jiġi mobilizzat sabiex jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja ta' EUR 66 505 850 fir-rigward tal-applikazzjonijiet ippreżentati mir-Rumanija, il-Bulgarija u l-Italja.

(7) Sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun il-ħin li jittieħed biex jiġi mobilizzat il-Fond, din id-Deċiżjoni għandha tapplika mid-data tal-adozzjoni tagħha.

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2015, il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea jkun mobilizzat sabiex jipprovdi s-somma ta' EUR 66 505 850 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Tapplika minn [d*ata tal-adozzjoni tagħha biex jiddaħħal mill-Parlament qabel il-pubblikazzjoni fil-ĠU]*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*